# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2002**

**Avviz. Numru 2046/97**

**Numru 20**

**Concetta Key**

**vs**

**Pauline u Joseph konjugi Mizzi u Tommy Kent**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jizgombraw mill-garage “3”, Mario, St Edward Street, Vittoriosa li l-konvenuti qed jokkupaw minghajr ebda dritt validu fil-ligi u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lill-konvenut iffissat minn din il-Qorti.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond hu ta' inqas minn Lm100.

Bl-ispejjes. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Pauline u Joseph Mizzi li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-attrici ma ghandhiex interess guridiku li tipprommovi dawn il-proceduri billi hija ma hiex l-propjetarja tal-fond in kwistjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ghandhom titolu validu fil-ligi.

3. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat fol 6 u 7 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, Tommy Kent, (fol 9 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni kellha ssir quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u ghalhekk din il-Qorti mhijiex kompetenti tisma' dan il-kaz

2. Illi minghajr pregudizzu ghall-ewwel eccezzjoni l-esponent ghandu dritt validu fil-ligi peress li ilu jikri l-fond in kwistjoni ghal snin twal kif jista juri mill-kotba tal-kera u bi provi ohra.

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici. (ara ukoll fol 10 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzoni dwar l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti Pauline u Joseph konjugi Mizzi.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti, Pauline u Joseph Mizzi, eccepew, preliminarjament illi hemm karenza ta' interess guridiku da parti tal-attrici sabiex din tintavola l-avviz in esami " billi ma hiex il-proprjetarja tal-fond in kwistjoni". In konnessjoni ma dan l-attrici (fol 12 tal-atti) spjegat li hi

u l-konvenuta Pauline Mizzi huma ahwa, li l-istess konvenuta, ohtha, kellha sehem indiviz tal-istess "garage" imsemmi fl-avviz "ope successionis" wara l-mewt ta' missierhom u sakemm gie publikat il-kuntratt ta' divisjoni bejn il-werrieta tal-istess missierhom. Hawnhekk jinghad li meta gie presentat l-avviz in esami, l-imsemmi att ta' divisjoni ma kienx ghadu publikat. Dan jidher mix-xhieda tal-istess attrici a fol 14 tal-atti kif ukoll mill-att publiku esebit in atti mill-istess attrici a fol 18 ibid u li jgib id-data tat-30 ta' Gunju 1999.

Illi, minn dan id-dokument ossija kuntratt ta' divizjoni publikat wara sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Frar 1996 (citaz numru 65/82 JSP), jidher li lill-attrici kien gie assenjat il-garage in kwistjoni bl-isem ta' "Mario" minghajr numru fi Triq San Edwardu, Vittoriosa (ara fol 21 u 22 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher, ghalhekk, li meta gie intavolat l-avviz, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet, di gja, prolatat is-sentenza hawn fuq citata, li biha, l-"garage" in kwistjoni kien gie assenjat lill-attrici.

Sussegwentement, permezz tal-kuntratt ta’ divisjoni msemmi, l-istess fond kien gie, ghal kull effett u fini fil-ligi, assenjat lill-attrici, liema assenjazzjoni saret, fil-mori ta’ din il-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti l-interess guridiku tal-attrici sabiex tintavola dan l-avviz minghajr il-htiega ta’ xi konsiderazzjoni ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konjugi Mizzi in konnessjoni mal-karenza ta’ interess giuridiku da parti tal-attrici u tordna li din il-kawza titkompla sabiex tigi deciza skond il-ligi; bl-ispejjes riservati.

Alan Calleja
Deputat Registratur